**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**CHAIRPERSON**

**Rikors Nru: 169/22MV**

**Daniel u Tikoda konjugi Caruana**

**Vs**

**Edard Farrugia, Carmelo Dingli u Joseph Dingli.**

**Illum: 20 ta' Frar 2024**

**Il-Bord,**

Ra ir-rikors ta' Daniel u Tikoda konjugi Caruana 438786M u 456087Mipprezentat fir-Registru ta' dawn il-Qrati nhar t-22 ta' Frar 2022 fejn is-socjeta' rikorrenti ipremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi b'kuntratt tal-5 ta' Settembru 2016 huma krew minghand l-intimati l-hanut "tale quale" numru hmistax (15) St. Anne Square kantuniera ma' 45 St. Thomas Street, Floriana, ghall-perijodu ta' hames snin "di

fermo” b’effett mill-1 ta’ Mejju 2016 li setgha jiggedded skond l-istess kuntratt [Ara Dok. “A” hawn unit];

2. Illi l-hanut kien fi stat abbandunat u r-rikorrenti ghamlu investiment qawwi fih u bdew joperawh bl-isem ta’ “Chef’s Plate”.

3. Illi fil-kors tal-kirja nqalghaw xi divergenzi bejniethom u f’Ottubru 2018 is-sidien intimati arbitrarjament u illegalment qabdu u wahhlu katnazz mal-bieb tal-hanut u mpedew lill-esponenti milli jidhlu fil-hanut;

4. Illi r-rikorrenti sofrew danni ngenti b’konsegwenza ta’ l-agir illegali tal-intimati u ghalkemm dawn gew interpellati ufficjalment biex jersqu ghall-likwidazzjoni bonarja u hlas ta’ dawn id-danni huma baqghaw inadempjienti.

5. L-esponenti jafu b’dawn il-fatti personalment.

Jghidu ghalhekk l-intimati l-ghaliex ma ghandhux da nil-Bord, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimati spussessaw lir-rikorrenti b’mod vjolenti u llegalment mill-hanut numru 15 St. Anne Square kantuniera ma’ 45 St. Thomas Street, Floriana, u dana fil-kors tal-kirja ta’ l-istess hanut;

2. Jiddikjara illi l-intimati responsabbli ghad-danni lii kkagjonaw lir-rikorrenti b’rizultat ta’ l-agir illegali taghhom;

3. Jillikwida d-danni li sofrew l-esponenti okkorrendo permezz ta’ periti nominandi;

4. Jikkundanna lill-istess intimati jhallsu lill-istanti s-somma hekk likwidata in linea ta’ Danni kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Novembru 2021 [Dok. “B”] u bl-imghax legali skont il-ligi kontra l-konvenuti minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

B’rizerva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti.[1]

Ra ir-risposta tal-intimati Carmelo Dingli (KI 0609549M), Edgar Farrugia u Josephe Dingli a fol 26 u 27 tal-process eccepew:

Jesponu bir-rispett

1. Illi fl-ewwel lok tigi eccepieta il-kompetenza ta’ dan il-Bord u dana billi skont it-talbiet kif premessi fir-rikors dak li qed jittantaw ir-rikorrenti f’dawn l-odjerni proceduri huwa fattwalment kawza ta’ spoll u ghalhekk dan il-Bord ma huwiex kompetenti sabiex jiddeciedi dawn l-odjerni proceduri;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju jigi eccepiet s-soprasessjoni in vista tal-fatt illi l-intimati f’dawn il-proceduri intavolaw proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera f’ismijiet inversi, proceduri numru 195/18 permezz ta’ liema talbu t-terminazzjoni tal-kirja in vista ta’ numru ta’ nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti f’din il-kawza;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepiet illi *inadimplenti non est adimplendum*

4. Illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ghandhom jindikaw l-artikolu tal-ligi taht liema huma qed jibbazaw il-pretensjoni taghhom;

[1] Fol. 1 u 2 tal-process.

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepiet illi Daniel u Tikoda Caruana fil-proceduri istitwiti mill-intimati fil-konfront taghhom fl-ebda mument ma kkontestaw in-nuqqas ta’ access fil-fond de quo;

6. Illi fis-sitt lok jigi rilevat illi ma huwiex minnu illi r-rikorrenti ghandhom il-pussess tal-fond mertu tal-kawza u dana billi c-cwievet tal-hanut jinsabu f’idejn l-intimati;

7. Illi fis-seba lok l-intimati ma kkawzaw ebda dannu lir-rikorrenti u semai huma ghandhom igibu prova ta’ dan;

8. Illi fit-tmien lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra in-nota ta’ trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet a rigward l-ewwel zewg eccezzjoinijiet tal-intimati.

Il-kawza thalliet ghal-lum ghal decizjoni dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-intimati.

**Ikkunsidra:**

**Fatti fil-Qosor.**

B' kuntratt tal-5 ta' Settembru 2016 ir-rikorrenti krew minghand l-intimati l-hanut ' tale quale' numru himstax (15) St. Anne Square kantuniera ma' hamsa u erbghin (45) St. Thomas Street Floriana ghall-perjodu ta' hames snin 'di fermo' b' effett mill-1 ta' Mejju 2016.

Ir-rikorrenti jghidu li l-hanut kien fi stat ta' abbnadun u li ghamlu investiment qawwi fih. Meta inqwalghu xi dizgwidi bejn il-partijiet, l-intimati sidien f' Ottubru 2018 wahhlu katnazz fuq il-bieb tal-hanut u allura impedew lill-kerrejja milli jidhlu u jkomplu bin-negozju taghhom.

Permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qed jitolbu lil dan il-Bord biex jiddecidi u jiddikjara li l-intimati spusseessaw lir-rikorrenti b' mod vjolenti u jorda lill-intimati sabiex jirripristinaw lir-rikorrenti fil-pusses tal-hanut. Inoltre, qed jitolbu lill-Bord biex jillikwida id-danni ikkagunati mill-intimati minhabba l-agir abuziv taghhom.

Minn naha taghhom l-intimati jaghmlu zewg eccezzjonijiet li l-Bord ser ikun qed jiddecidi permezz ta' din is-sentenza preliminari. Huma jishqu li l-Bord:

1. mhux kompetenti *ratio materie* ghax fattwalment kif porosta l-azzjoni hija kawza ta' spoll;
2. ghandu jissporassjedi minhabba li huma fethu kawza quddiem dan l-istess Bord li Jirregola l-kera f' ismijiet inversi, procedura 195/18 permezz ta' liema talbu it-terminazzjoni tal-kirja in vista ta' numru ta' nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

**Provi**

Irid jinghad li sas-seduta tal- 24 ta' Ottubru 2024 meta il-Bord halla, bi qbil bejn il-partijiet, li l-kawza tithalla ghal-lum fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari hemm is-segwenti dokumenti:

1. Agreement of Leese li gie ipprezentat miz-zewg partijiet fuq il-fond de quo,[2]
2. Ittra gudizzjarja mir-rikorrenti versu l-intimati.[3]
3. Nota tal-intimati fejn annettew ir-rikors mahluf taghhom fil-kazwza Carmelo Dingli et vs Daniel Caruana et quddiem dan il-Bord kif compost bin-numru 195/18MV.[4]

[2] Fol 3 u Fol 33 tal-process
[3] Fol. 18 tal-process.
[4] Fol. 29 tal-process.

4. Ittra mibghutha lis-Sinjuri Caruana mill-intimati datata 2 ta' Mejju 2018.[5]
5. Itta mibghutha lis-Sinjuri Caruana mill-intimati datata 1 ta' Novembru 2018.[6]
6. Risposta ghar-rikors mahluf fil-kawza 195/2018MV.[7]
7. Nota tal-intimat Carmelo Dingli li kien ta fil-kawza 195/2018MV.[8]

**Ikkunsidra:**

Il-Bord irid jiddecidi jekk dan il-Bord fl-ewwel lok hux kompetenti in vista tat-talbier tar-rikorrenti, ossija li l-intimsti spussessaw lir-rikorrenti b' mod vjolenti u bhala konsegwenza dawn tal-ahha sofrew id-danni. Skond l-intimati it-talba kif dedotta hija dik ta' spoll u allura il-Prim' Awl tal-Qorti Civili hija kompetenti *rationae materiae.*

Il-parti saljenti tal-artikolu 1525 tal-Kap 16 Kodici Civili jjaqra hekk:

**'Il-Bord li Jirregola l-Kera (hawn aktar 'il quddiem msejjaħ"il-Bord tal-Kera") maħtur bis-saħħa tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini għandu jiddeċiedi l-**

[5] Fol. 47 tal-process.
[6] Fol. 52 tal-process.
[7] Fol. 56 tal-process.
[8] Fol. 60 tal-process.

**materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali, inkluż kawżi li jirrigwardaw l-okkupazzjoni ta' fondiurbani fejn dawn il-kirjiet ikunu ntemmu u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dak il-perjodu ta' okkupazzjoni. Kirjiet oħra jaqgħutaħt il-kompetenza tal-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u fil-każ ta' kiri ta'raba' għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord dwar il-Kontrolltal-Kiri tar-Raba' maħtur bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdidta' Kiri ta' Raba':Iżda kwistjonijiet dwar il-validità ta' kuntratt ta' kirja, għandhom jiġu mistħarrġa mill-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, b'dan illi kull kwistjoni oħra in segwitu għad-determinazzjoni ta' tal ikwistjonijiet dwar validità għandha tkun fil-kompetenza tal-Bord tal-Kera.**

**Il-Bord tal-Kera għandu wkoll kompetenza li jiddeċiedi talbiet relatati ma' manutenzjoni, tiswijiet, difetti u ħsarat tal-fond inklużi dawk moħbija, <u>ħsarat</u> jew miljoramenti, ammonti pendenti dwar dawlu ilma u kwalunkwe ammonti depożitati bħala garanzija mill-inkwilin, <u>fejn dawn it-talbiet jiġu inklużi ma' talbiet jew eċċezzjonijiet oħra magħmula quddiem il-Bord</u>, li fuqhom il-Panel ta' Arbitraġġ magħandux ġurisdizzjoni…'** (sottolinejar ta' dan il-Bord)

L-artikou 16(4) tal-Kap 69 Tal-Ligijiet ta' Malta fil-parti relevanti tieghu ghal din il-vertenza jghid:

**‘Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull liġi oħra, il-Bord għandu wkoll jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta’ fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali u dan għat-termini ta’ Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta’ fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta’ kirja u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dan il-perjodu ta’ okkupazzjoni…..’** (sottolinejar ta’ dan il-Bord)

Il-Bord jemmen u jishaq li huwa ghandu poteri esklussivi u estensivi fejn jidhlu kirjiet kemm urbani kif ukoll kummercjali. Dawn il-poteri huma kemm waqt li l-kirja tkun *in vigore* kif ukoll wara.[9] Minghajr dubbju il-kawzali li ghadu quddiemu il-Bord jitratta kuntratt bejn is-sid u il-kerrej fejn il-kerrej minhabba li is-sid qed jallega li ma thallasx ghal kirja qabad u ghalaq il-fond kummercjali mikri minnu. B’ daqshekk l-kerrej qed jallega li sofra hsarat.

Mill-qari tad-disposizzjonijiet hawn fuq citati ghal Bord huwa ben ovvju li kemm il-darba tesisti kirja u xi had mill-partjiet qed jirriklama hsarat allura dan il-Bord huma kompetenti biex jisma’ u jiddecidi il-vertenza bejn il-partijiet u mhux ilo-Qrati Ordinarji.

[9] Ara **Lisa u Lee Barker et vs Jeanette Critien** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (App. Nru. 198/16) fl- 4 ta’ Ottubru 2019 per Onorevoli Imhallef Anthony Ellul kif ukoll dik deciza mill-istess Prim’ Awla fl-ismijiet **Joseph Sammut vs Liliana Jalil** Rik. Nru. 541/2017/LSO deciza fit- 30 ta’ Novembru 2017 per Onorevoli Imhallef Lorainne Schembri Orland.

**Ghaldaqstant, il-Bord qed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.**

**Ikkunsidra:**

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati qed jitolbu lil dan il-Bord jissoprasjedi din il-kawza sakemm il-kawza **Farrugia Edgar et vs Daiel Caruana et** bin-numru 195/18 li qed tinstema quddiem dan l-istess Bord kif presedut tigi deciza.

Il-Bord jinnota li it-ttalbiet fil-kawza prezenti u fil-kawza fl-ismijiet inversi mhux l-istess ghax fil-kawza li issa ilha li inbdiet mill- 2018 hemm talba ghall-hlas ta' kera u inademmpjenza kuntrattwali b' konsegwenza li jigi itterminata il-kirja *ipso jure* u b' hekk il-Bord jordna lill-inkwlini jigu izgumbrati. Minghajr dubbju li iz-zewg kawi li ghandu quddiem dan il-Bord huma relatati.

Dwar is-soprasessjoni Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Gernerali** (Ruik, Kost. Nru. 725/99DS) deciza fl- 1 ta' Gunju 2001 per Agent President Onorevoli Imhallef Noel V. Arrigo flimkien mal-Imhallfin Geoffrey Valenzia u Giannino Caruana Demajo:

*'.....fejn f'xi proceduri partikolari quddiem il-Qrati taghna kienet qed tintalab is-soprassessjoni ta' dik il-Qorti u dana sakemm jigu decizi proceduri ohra quddiem Qrati ohra kompetenti. Din il-Qorti ezaminat diversi mis-sentenzi in kwistjoni li minnhom jemergu zewg principji saljenti:*

*(1) l-obbligu ta' kull (Rik. Kost. Nru: 725/99) Qorti biex tisma' u tiddeciedi kull kawza fiz-zmien ragonevoli skond ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari - obbligu li jidher partikolarment impost fuq din il-Qorti li hu mahsub illi s-smiegh quddiemha "ghandu jkun b'kull heffa possibbli" (sub-artikolu (7) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni); u*

*(2) li bhala tali s-soprassessjoni ma hijiex kontemplata fis-sistema guridika taghna li tikkontempla biss l-eccezzjonijiet tal-lis alibi pendens u tal-Konnessjoni tal-Kawzi li pero' huma istituti differenti. Dan nonostante pero' din il-Qorti fis-sentenza taghha "Lawrence Cuschieri vs Onorevoli Prim Ministru nomine et" rrikonoxxiet illi l-principju tas-soprassessjoni giet introdotta fissistema guridika taghna bis-sahha tas-sub-artikolu*

*(3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li hekk jipprovdi: "Jekk f'xi proceduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, jew il-Qorti Kostituzzjonali, tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Artikoli 33 sa 45*

*(maghdudin), dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghutha quddiemha skond dan is-sub- Rik. Kost. Nru: 725/99 6 artikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni."*

*Fl-istess sentenza pero' hlief ghal din l-eccezzjoni kontemplata fl-istess Kostituzzjoni l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti kienet: "Huwa car illi din il-minaccja li avvertiet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell "Spiteri vs Sghendo" (para 14 supra) jigifieri li s-soprassessjoni ghandha l-effett li tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja qieghda tavverra ruhha. Di fatti llum, bl-access li nfetah ghal proceduri quddiem l-organi gudizzjarji tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li nholqu bil-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet Umani w il-Libertajiet Fundamentali, li ghandhom is-sede taghhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta' din il-Qorti, inkwantu kollha huma passibbi ta' ulterjuri ezami hemmhekk huma kollha soggetti ghal paralizi specjalment fil-fazi ezekuttiva taghhom jekk din il-Qorti, Rik. Kost. Nru: 725/99 skond is-sentenza appellata, jkollha tissoprassjedi, fil-kazijiet kollha fejn isir rikors ghal dawn l-organi; Is-soprassessjoni fuq il-linji msemmija fis-sentenza appellata tispicca biex tigi ekwivalenti ghal fonti ta' ingustizzja profonda ghaliex*

*effettivament tissospendi l-implimentazzjoni u l-attwazzjoni tal-gustizzja tal-litigju fi zmien ragonevoli".*

*Dan l-istess sentiment gie wkoll espress minn din il-Qorti fissentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru et" deciza fl-20 ta' Lulju 1994 fejn gie ritenut:*

*"Is-soprassessjoni hija, minnha nnifisha, mizura eccezjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kawza b'mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata' fi zmien ragonevoli."*

*L-istat prezenti ghalhekk tal-ligi taghna hija li ebda Qorti ma ghandha tissopprassjedi hlief kif provvdut fis-sub-artikolu (3) Rik. Kost. Nru: 725/99 8 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fuq ikkwotat ghax l-accettazzjoni ta' dan il-principju jista' biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia' mghobbija b'diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fihom f'din is-sentenza….'*

Fil-kawza **Angelo Mallia et vs David Mallia et** (Cit. Nru. 2400/1997/1) deciza fil- 31 ta' Mejju 2004 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia gie rikapitulat fuq il-kwistjoni ta' soprasessjoni is-segwenti:

*Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa' talba ghas-soprasessjoni:*

- *meta hu spedjenti li taghmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73;)*
- *meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza tkun Vol XLVI p2 p 591;*
- *Il-Qorti m'ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju.;*
- *Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vol XL1 p1 p 507). Ara wkoll Cuschieri vs On.P.M. (Kostituzjonali 12/8/94)*

*Principju kardinali fil-procedura civili hu li kawza ghandha tinbeda u ghandha tinstemgha sa ma tinqata'. Il-provvediment ta' soprasessjoni hu mizura eccezzjonalissima billi tiffrena l-andament normali ta' kif kawzi ghandhom jimxu.*

Imbaghad dwar x' ghandu jara il-gudikant meta jkollu talba ghal-soprassessjoni intqal is-segwentoi fil-kawza **Carmelo u Pauline konjugi Calamatta vs Mario u Mary Anne sive Miriam konjugi Darmenia et** (App. Civili Nru. 1108/1999/1) deciz mill-Prin' Awla tal-Qorti Civili per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras fit- 12 ta' Novembru 2003:

*Dak li invece kellu jitqies indispensabbli ma kienx il-fatt tal-kontestazzjoni 'ut sic' izda jekk il-proceduri l-ohra kienux jolqtu l-possibilita` o meno tal-prosegwiment tal-istanza odjerna. Dik il-Qorti riedet tkun 'prima facie' sodisfatta jekk it-talba tas-soprasessjoni gietx imqanqla ghal xi motiv legali utli u korrett jew hux sempliciment bl-iskop li tigi arenata l-kawza.*

Il-Bord haseb fit-tul fuq l-insenjamenti hawn fuq riportati u ma jidhirlux li ghandu jilqa' it-tieni eccezzjoni tal-intimati ghax jekk il-kawza taghhom kontra ir-rikorrenti ma jkollix success allura hemm mir-riskju reali li din il-kawza tittawwal minghajr bzonn. B' hekk ikun hemm mir-riskju li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jigu lezi.[10] Il-bord ha ukoll in konsiderazzjoni li l-kawza prezentati mill-intimati issa ilha quddiemu mill-2018 u kien <u>ukoll jispetta lilhom</u> li jaraw li din tigi konkluza fi zmien ragonevoli. Issa l-intimati ma jistghux jaghmlu ostakolu lir-rikorrenti, b' talba ghas-soprassessjoni, ghax dawn tal-ahhar dehrilhom li anki huma jista' jkun qed isofru pregudizzju.

**Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-intimati qed tigi ukoll respinta.**

**Decide:**

[10] Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tal-Malta. Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet imressqa mill-intimati. Spejjez ta' l-istess riservati ghas-sentenza finali.

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D.,M.Jur**

**Chairperson**

**Iamin Guarracino**

**Deputat Registratur.**